# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 51.**
**Citazz. Nru. 1473/00 JRM**

**The CATERING CENTRE COMPANY LIMITED**

**vs**

**Emmanuel SCHEMBRI**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-kumpanija attrici kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf tlett mija u tnax-il lira maltin u tlett centezmi (Lm1312.03) dovuta bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq ordni tieghu stess;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 24 t’April 2000 baqa’ inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut fil-fehma tal-kumpanija attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont, u l-kumpanija attrici qeghda tannetti affidavit immarkat Dok A a tenur tal-istess Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf tlett mija u tnax-il lira maltin u tlett centezmi (Lm1312.03);

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 t’April 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja li sallum jammonta ghal erbgha u sittin lira maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm64.87) sal-pagament effettiv kontra konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf tlett mija u tnax-il lira maltin u tlett centezmi (Lm1312.03) bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 t'April 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja li sallum jammonta ghal erbgha u sittin lira maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm64.87) sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l- konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**12 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar, 2001.**